MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 13/2014

**A Bf'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-minuri C D E u dan permezz tad-digriet datat 21 ta' Jannar 2014.**

**vs**

**1. F G E**
**2. C D**
**3. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat, ipprezentat fis-16 ta' Jannar 2014 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti u l-intimat F G E huma legalment iddivorzjati mill-Qorti Ingliza permezz ta' decizzjoni annessa mar-rikors u li baqa' jinghata d-decizjoni finali;

2. Illi nhar it-28 ta' Settembru tas-sena 2012 twieled l-minuri C D E - certifikat tat-twelid anness;

3. Illi fiz-zmien tat-twelied tal-imsemmi minuri kif ukoll fiz-zmien tal-koncepicment ta' l-istess minuri r-rikorrent u l-intimat F E kienu diga separati *de facto* u kienu jghixu separatament u ghalhekk ma tezisti ebda possibilita' li l-minuri huwa l-wild naturali ta' l-istess intimat F E kif jista' jikkonferma l-istess intimat F E;

4. Illi fil-fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri C D E mhux il-wild naturali tal-intimat F E. Huwa biss minhabba l-prezunzjoni legali li tohrog mill-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li c-certifikat tat-twelid jidentifika lill-intimat F E bhala l-missier naturali u xejn aktar;

5. Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet ukoll li l-minuri C D E huwa l-wild naturali tal-intimat l-iehor C D li dak iz-zmien kellu relazzjoni mar-rikorrent, liema relazzjoni ghadha ghaddejja sal-gurnata tal-lum;

6. Illi r-rikorrenti trid li c-certifikat ta' binha jkun jirrispekkja l-verita tac-cirkostanzi cioe illi l-missier naturali tal-minuri huwa C D u mhux F E;

7. Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat b'tali mod li juri li l-intimat C D huwa l-missier naturali tal-istess minuri;

8. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li c-certifikat tat-twelid tieghu jkun jirrispekkja r-realta u dan anke in vista tal-fatt li l-istess minuri jaf lill C D bhala missieru u jghixu flimkien;

9. IIlli ghall-kull *buon fini*, r-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li itissottometti ruhha kif ukoll lill-minuri C D u l-missier naturali ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom tista' tigi eskluza l-possibilita li l-intimat F E huwa l-missier naturali tal-minuri ghalkemm fic-cirkostanzi ma thossx illi hemm il-bzonn.

Talbet lill din il-qorti:

i. Tiddikjara li l-minuri C D E mhux il-wild naturali ta' l-intimat F E u li l-istess m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri C D E;

ii. Tiddikjara li l-minuri C D E huwa l-wild naturali ta' l-intimat C D u l-istess intimat huwa l-missier naturali ta' l-istess minuri;

iii. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda c-certifikat tat-twelid tal-minuri C D E u dan jigi emmendat fis-sens li l-misssier naturali jigi indikat bhala C D minflokk F E, jitbiddel il-karta tal-identita', il-professjoni u s-sengha tal-intimat, l-eta' u l-post tat-twelid, u r-residenza tal-intimat kif ukoll isem u kulljom missier l-intimat, u jekk l-imsemi missieru huwiex haj jew mejjet, u minflok id-dettalji ta' F E jigu sostitwiti bid-dettalji ta' l-intimat l-iehor C D.

Bl-ispejjes kontra l-intimati li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat l-elenku tad-dokumenti;

Rat id-digriet[1] ghan-notifika tal-atti, bit-traduzzjoni ghall-lingwa Ingliza, lill-intimat barra minn Malta;

Rat id-digriet[2] fejn l-attrici giet mahtura kuratrici tal-minuri *ad litem* f'dawn il-proceduri;

Rat ir-risposta guramentata[3] tad-Direttur tar-Regisru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizulatanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut f-Artikolu 100 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa' l-ewwel talba attrici l-esponenti jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tieghu meta twieled il-minuri C D, (4) il-post tat-twelied tieghu (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled it-tifel. Tali informazzjoni hija mehitega biex tigi eventwalment iserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferit C D;

3. Illi bla prejduizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definitiv liema kunjom ghandu jassumi l-minuri **Sven Bilocca** a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta';

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponeneti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

[1] a folio 16
[2] a folio 19
[3] a folio 27

BL-ispejjez kontra r-rikorrenti ingunti in subizzjoni;

Rat il-verbal tal-l-udjenza tat-3 ta' April 2014[4] fejn giet nominata Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci testijiet tad-DNA fuq l-attrici A Camilleri, fuq Danile D il-konvenut u fuq il-minuri C D E;

Rat id-digriet datat 20 ta' Mejju 2014[5] sabiex l-okkju tal-kawza ossia il-kunjom tal-esponenti jitbiddel u minflok Bjsir E;

Rat l-affidavit u r-rapport[6] ta' Marisa Cassar fejn ikkonfermat bil-gurament li mill-analizi tad-DNA minnha maghmula li l-konvenut C D hu l-missier naturali ta' C D E;

Rat l-affidavit tal-attrici[7];

Rat id-dokument[8] fejn jiccertifika li l-intimat F G E gie notifikat l-Ingilterra fl-14 ta' Gunju 2014;

Rat in-nota li permezz taghha l-konvenut ipprezenta d-dettalji konnotati tieghu;
Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici mizzewga lill konvenut F E, qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel C D E li twieled fit-28 ta' Settembru 2012 u li fl-att tat-twelied tieghu gie registrat bhala iben l-imsemmi F E huwa fil-fatt iben il-konvenut C D.

**Provi**
Illi mill-provi jirrizulta illi l-attrici u zewgha kienu isseparaw *de facto* minn April 2011 peress li l-konvenut kellu jirritorna lejn l-Ingilterra u ha iz-zewg uliedu mieghu. Sadinitant l-attrici bdiet relazzjoni mall-konvenut C D li ghadda ghaddejja sallum. Minn din ir-relazzjoni twieled il-Minuri C Mihali E.
Fit-3 ta' Gunju 2014 l-analista Dr MArisa Cassar ezebit 'DNA Paternity Report' rilaxxat minnha li jiccertifika li l-probabilita' li C D huwa missier naturali tal-minuri C D E hi ta' 99.9999%

**Konsiderazzjonijiet**

---

[4] a folio 30
[5] a folio 3isseparaw 8
[6] a folio 40 - 42
[7] a folio 45
[8] a folio 47

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija ntiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal kreazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Ghalkemm l-artikolu 77B fuq citat jistipula li f'kawzi ta' din ix-xorta il-minuri ghandu jkun konvenut, fil-kawza odjerna il-minuri kienet rapprezentata f'dawn il-proceduri minn ommha l-attrici. Minn dak li rrizulta f'dawn il-proceduri ma jirrizultax illi dan kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet tal-minuri. Il-partecipazzjoni tal-minuri bhala attur fil-kawza jaghmlu l-gudizzju integru.

Fil-mertu, mill-provi imressqa il-Qorti tikkonkludi illi gew sodisfatti r-rekwiziti stipulati mill-artikolu 77B tal-Kap 16 u ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda c-certifikat tat-twelid tal-minuri C D E u dan jigi emmendat fis-sens li l-misssier naturali jigi indikat bhala C D minflokk F E, jitbiddel il-karta tal-identita', il-professjoni u s-sengha tal-intimat, l-eta' u l-post tat-twelid, u r-residenza tal-intimat kif ukoll isem u kulljom missier l-intimat, u jekk l-imsemi missieru huwiex haj jew mejjet, u minflok id-dettalji ta' F E jigu sostitwiti bid-dettalji ta' l-intimat l-iehor C D.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------